# 1967 - 18 ta' Ġunju 2017



*Frans Zahra*

Filwaqt li din is-sena, fit-18 ta' Ġunju, iż-Żwieten ikunu qed jiċċelebraw il-festa titulari f'ġieħ Santa Katarina V.M., 50 sena ilu -1967- iż-Żejtun kien ukoll qed jiċċelebra festa oħra, fl-istess data (18 ta' Ġunju), iżda mhux fiż-Żejtun, imma l-Belt Valletta, fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Dakinhar saċerdot Żejtuni, Dun Emanuel Gerada kien ikkonsagrat Isqof.

Il-Konkatidral kien maħnuq bin-nies, fosthom ħafna Żwieten, li attendew bi ħġarhom għaċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni episkopali ta' Mons.Gerada, bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta bit-titlu ta' Vico di Augusto.

Mhux possibbli nidħol fid-dettall taċ-ċerimonja, għax l-ispazju ma jippermettix. Fil-kas wieħed jista' jara l-Leħen is-Sewwa tat-Tlieta 20 ta' Ġunju 1967, fejn hemm rapport dettaljat taċ-ċerimonja.

Iċ-ċerimonja tmexxiet minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, li kellu ko-konsagranti l-Isqof Emle Galea Vigarju Ġenerali u l-Isqof Patrick Dunne, Awżiljarju tal-Arċisqof ta' Dublin l-Irlanda, għaliex konsagrazzjoni episkopali titlob li jkunu tliet Isqfijiet konsagranti.

Il-Bolla tal-Papa, li biha kien nominat Mons. Gerada li jkun konsagrat Isqof, barra li nqrat bil-Latin (lingwa uffiċjali tal-Knisja) minn Dun Ġwann Dimech, il-Kappillan ta' Mons. Arċisqof Gonzi, inqrat ukoll bl-Ingliż minn Dun Frans Schembri, għaliex preżenti għaċ-ċerimonja, kien hawn preżenti l-E.T. Mons. O'Connor in-Nunzju Appostoliku għal Malta li kien assistit minn Dun Frans Schembri. Kien preżenti wkoll Mons. Igino Quardaroli li kien qed jirrappreżenta lis-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, assistit minn Mons. Paolo Giglio (li wara hu wkoll sar Nunzju Appostoliku). Mons. Giglio kien bħala Uditore tad-Delegazzjoni Appostolika tal-Vietnam. Kien hawn ukoll l-Isqof Andrews ta' Troia. Mons. Arċisqof Gonzi waqt il-Pontifikat solenni u ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni episkopali kien assistit mill-Arċidjaknu Mons. Emle Vella, mid-Dekan Mons. Giovanni Mifsud, mill-Arċipriet tal-Katidral Mons. Emle Brincat (li kien Arċipriet taż-Żejtun 1947-1954) u mill-Monsinjur Franġisku Xuereb u Carmelo Xuereb (li wara kien sar Vigarju Ġenerali) bħala Ministru Minuri. Iċ-Ċerimonier kien Dun Karm Bonavia. Il-kant tul



*ikompli minn paġna 27*

il-Pontifikal u ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni episkopali kien animat mis-seminarista taħt id-direzzjoni ta' Mro Patri Albert Borg, Agostinjan.

Barra l-ġenituri, Onorato u Katarina, ħutu, in-nisa u l-irġiel tagħhom u qraba, għall-konsagrazzjoni episkopali ta' Mons. Isqof Emle Gerada, kien hemm preżenti wkoll l-*iSpeaker* tal-Parlament Dr J Bonnici, il-Ministru Dr Carmelo Caruana, Dr Alexander Cachia Zammit u Dr Ċensu Tabone, Membri Parlamentari, Ambaxxaturi, Imħallfin, Maġistrati u Rappreżentanti tal-Kolleġjati, kappillani u Ordnijiet reliġjużi. L-Isqof t'Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace ma setax jattendi għaliex il-baħar kien imqalleb, filwaqt li l-Isqof Nikol Cauchi kellu impenji oħra. Però l-Isqof Cauchi kien għamillu żjara ta' kortesija lill-Isqof Gerada, fid-dar tiegħu ż-Żejtun, it-Tlieta 13 ta' Ġunju 1967 u żgur kien diġà wassallu l-awguri tiegħu u tal-Isqof Ġużeppi Pace.

Iċ-ċurkett episkopali li ntuża għall-konsagrazzjoni ngħatalu mill-ġenituri tiegħu Onoratu u Katarina. Ċurkett ieħor ingħatalu mill-Kardinal Agaginian, filwaqt li l-Papa bagħatlu kuruna tal-fidda b'salib replika ta' dak tal-Baklu Papali, ritratt (tal-Papa) iffirmat minnu b'xewqat sbieħ lilu ('l-Isqof), lill-ġenituri, qraba u lil min ħa sehem fiċ-ċelebrazzjoni u barra li tah il-Barka Papali, il-Q.T. il-Papa Pawlu VI irringrazzjah għax-xogħol li wettaq kemm kien ilu fil-korp diplomatiku tas-Santa Sede.

Min-naħa tiegħu Mons. Isqof Gerada, waqt l-offertorju, offra lil-Mons. Arċisqof Gonzi żewġ xemgħat, żewġ ħobżiet żgħar u żewġ ġarar żgħar bl-inbid. Kemm fuq il-ħobżiet u kemm fuq il-ġarar kien hemm l-armi tal-Arċisqof Mikiel Gonzi u tiegħu (tal-Isqof Gerada).

La qed insemmi l-armi, ta' min jgħid li l-motto li Mons. Emle Gerada għażel fl-istemma tiegħu kienu SUPER OMNIA CARITAS - FUQ KOLLOX L-IMĦABBA.

Bla dubju kliem li jfakkarna f'dak li qal San Pawl dwar l-imħabba, fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin Kap 13 versi 4-5.

Meta ntemmet iċ-ċerimonja u Mons. Emle Gerada ħareġ mill-KonKatidral ġie milqugħ b'entużjażmu mill-folla preżenti miġbura quddiem San Ġwann u taw ċapċip kemm lilu kif ukoll lill-Arċisqof Mikiel Gonzi u dinjitarji oħra.

Mons. Gerada kien wasal Malta minn Ruma s-Sibt 3 ta' Ġunju 1967 u fl-ajruport ta' Ħal Luqa ngħata merħba mhux biss mill-ġenituri tiegħu u l-familjari iżda wkoll minn saċerdoti, fosthom l-Arċipriet Dun Pantaleone Orland, Dun Karm Galea, Mons. Mikiel Spiteri u Dun Ġwann Palmier li kien sar Kanonku ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta. Kien hemm ukoll għadd kbir ta' Żwieten li marru jagħtuh merħba. Mons. Gerada ġie milqugħ mill-Isqof E. Galea, Vigarju Ġenerali. Kien hemm ukoll xi kappillani u rappreżentanza tal-Kapitlu tal-Katidral.

Kif wasal iż-Żejtun - li kien imżejjen bi bnadar u paviljun għall-okkażjoni - f'karozza mikxufa akkumpanjat mill-Arċipriet Orland, sarlu diskors ta' merħba mill-Arċipriet u li għalih wieġeb l-istess Mons. Gerada. Ta' min jgħid li sal-pjazza, Mons. Gerada twassal minn Bir id-Deheb akkumpanjat miż-żewġ baned Żwieten. L-entużjażmu tal-folla minn Bir id-Deheb sal-pjazza ma kienx nieqes.

Monsinjur Emle Gerada twieled fl-istess jum li fih kien twieled il-qaddis Papa Ġwann Pawlu it-Tieni, fit-18 ta' Mejju 1920. L-Arċisqof Emanuel Gerada ħalla din id-dinja fil-21 ta' Jannar 2011.

